

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Il-Każ M.7980 — Sumitomo/Cosan/Biomassa)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 121/07)

1. Fit-23 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Sumitomo Corporation ("Sumitomo", il-Ġappun) u Cosan SA Indústria e Comércio ("Cosan", il-Brażil) jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt tal-impriża Biomassa SA ("Biomassa", il-Brażil) permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- għal Sumitomo: in-negozju ta' prodotti tal-metall, it-trasportazzjoni u l-kostruzzjoni ta' sistemi, l-ambjent u l-infras-truttura, kimiċi u l-elettronika, il-midja, networks u oġġetti relatati mal-istil ta' ħajja, riżorsi minerali u l-enerġija.
- għal Cosan: il-manifattura u n-negozju taz-zokkor u l-etanol, il-koġenerazzjoni tal-elettriku minn bagasse tal-kannamiela, servizzi tal-loġistika (inkluż it-trasport, it-tagħbija u l-ħażna f'terminal ta' port), il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' lubrikanti, id-distribuzzjoni tal-karburant, id-distribuzzjoni bil-pajpijiet tal-gass naturali għal parti mill-Istat ta' Sao Paulo, u pussess ta' proprjetajiet immobbli agrikoli fil-Brażil.
- għal Biomassa: il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' gerbub tal-kannamiela magħmula minn bagasse tal-kannamiela u tiben.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301) jew bl-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.7980 — Sumitomo/Cosan/Biomassa, f'dan l-indirizz li ġej:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.